Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru 14,486, 11 ta' Ottubru, 1985
Taqsima B

A.L. 34 ta' l-1985

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP.58)

Regolamenti ta' l-1985 dwar ir-Drittijiet għal Eżami ta' Ħwejjeġ tal-Video u taċ-Ċinema

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, u l-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku għamlu r-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 dwar id-Drittijiet għal Eżami ta' Ħwejjeġ tal-Video u taċ-Ċinema.

Drittijiet li għandhom jitħallsu.

2. Għandhom jitħallsu lill-Kontrullur tad-Dwana u lill-*Postmaster-General*, skond il-każ, għall-eżami ta' kull xorta ta' video *recordings*, *films* taċ-ċellulojdi esposti u kull xorta ta' ħwejjeġ oħra simili, id-drittijiet li ġejjin:—

(i) fuq kull ħaġa ta' xorta kummerċjali … … Lm2.00,0

(ii) fuq kull ħaġa maħsuba għal għanijiet domestiċi u mhux biex terġa' tinbiegħ … … … … ... Lm0.50,0:

Iżda kull dritt li jitħallas taħt dan ir-regolament jitħallas darba biss għall-eżami ta' kopji identiċi ta' l-istess materjal importati fl-istess konsenja.